**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Dicembru 2022**

Rikors Numru: 511/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1287/2013)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi hija zzewwget lill-intimat fis-seba' (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);

2. Illi l-partijiet, xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat sbatax (17) ta' Gunju elfejn u tnejn u għoxrin (2022), in atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool, liema kuntratt qiegħed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;

3. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal, E D, li twieled fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), u F D li twieled fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), liema minuri jabitaw mar-rikorrenti omm.

4. Illi r-rikorrenti tikkonferna li ma tezisti l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

5. Illi r-rikorrenti u l-intimat jgħixu hajja separata u distinta minn ta' xulxin, u r-rikorrenti taf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u għad divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' C D hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat

1. Illi l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet illum jinsabu legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022); u li bejniethom m'hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni.

2. Illi effettivament l-esponenti jaqbel ukoll illi l-ebda arretrati ta' manteniment m'huwa

2. dovut bejn il-partijiet u għalhekk il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi huma lkoll sodisfatti ghall-ottjeniment tad-divorzju.

3. Illi l-esponenti m'għandha l-ebda kontestazzjoni sabiex ż-żwieġ tiegħu mar-rikorrenti jigi maħlul minn din il-Qorti.

4. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u jitlob li l-istess jigu akkollati lir-rikorrent.

Tant għandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha  tal-4 ta' Ottubru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-ilha legalment separata mis-17 ta' Gunju 2022 u mix-xiehda taghha rrizulta li ilha *de facto* separata minn mal-intimat mis-sena 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.